Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2015
(OR. en)

10098/15

PUBLIC 45
INF 115

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MARZU 2015 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Marzu 2015.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bağitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MARZU 2015 | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3371 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU)) li saret fi Brussell fit-2 u t-3 ta' Marzu 2015** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
| Regolament (UE) 2015/475 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda<br>ĠU L 83, 27.3.2015, p. 1-5 | 98/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) 2015/476 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 fuq il-miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Unjoni wara rapport adottat mill-Korp għall-Ftehim fuq Tilwim tal-WTO dwar kwistjonijiet fuq anti-dumping u anti-sussidji<br>ĠU L 83, 27.3.2015, p. 6-10 | 99/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) 2015/477 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri li l-Unjoni tista' tieħu relattivament għall-effett ikkombinat ta' miżuri kontra d-dumping jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja<br>ĠU L 83, 27.3.2015, p. 11-15 | 100/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet<br>ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16-33 | 101/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (UE) 2015/479 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar regoli komuni għall-esportazzjoni<br>ĠU L 83, 27.3.2015, p. 34-40 | 102/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

<table>
<tr><td>Direttiva (EU) 2015/413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq. (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 68, 13.3.2015, p. 9-25</td><td>103/14</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Ġermanja<br><br>Rigward l-Artikolu 4(3), it-tielet subparagrafu:<br><br>Il-paragrafu,<br>"L-Istat Membru fejn isir ir-reat għandu, taħt din id-Direttiva, juża d-data miksuba sabiex jiġi stabbilit min hu personalment responsabbli għar-reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq elenkati fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva" għandu jinftiehem fis-sens li, il-persuna responsabbli, skont din id-dispożizzjoni, ma tista' tkun ħadd ħlief is-sewwieq, peress li huwa/hija biss attwalment wettaq/wettqet ir-reat. Fl-opinjoni tad-delegazzjoni Ġermaniża, id-data trasmessa dwar id-detentur tal-vettura għandha għalhekk tintuża biss biex jiġi identifikat is-sewwieq.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Irlanda<br><br>Ir-Renju Unit u l-Irlanda jappoġġaw għalkollox l-objettivi tas-sikurezza fit-toroq ta' din id-Direttiva proposta riveduta u japprezzaw il-perijodu ta' traspożizzjoni addizzjonali ta' sentejn li ngħata lir-Renju Unit, l-Irlanda u lid-Danimarka.<br><br>Madankollu, ir-Renju Unit u l-Irlanda jiddispjaċihom li ma ngħatawx żmien biżżejjed biex iqisu sew l-impatt tal-proposta, inklużi l-ispejjeż potenzjali fuq il-qrati li skont il-miżura l-ġdida ser ikollhom jesegwixxu prosekuzzjonijiet sussegwenti. Għalkemm ir-Renju Unit u l-Irlanda japprezzaw li d-Direttiva 2011/82/UE eżistenti (li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq) hija diġà fis-seħħ fi Stati Membri oħra, ir-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka ma ħadux sehem f'dik il-miżura wara l-applikazzjoni tal-Protokoll 21 u 22 għat-Trattati. Għalhekk, wara li ġiet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja bis-sentenza tagħha fil-Kawża C-43/12, id-Direttiva proposta tippreżenta rekwiżiti ġodda għar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka.<br><br>Ir-Renju Unit u l-Irlanda jinnotaw il-fatt li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tgħid li d-Direttiva 2011/82/UE missha kellha bażi legali dwar it-trasport (Artikolu 91(1)(c) TFUE) aktar milli bażi legali dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija (Artikolu 87(2) TFUE), fid-dawl tal-għan u l-kontenut tagħha. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għadhom tal-fehma li materji li fil-fatt jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' reati kriminali għandhom jitqiesu bħala ppreżentati skont l-Artikolu 87 TFUE. F'dan ir-rigward, nindikaw il-possibbiltà ta' rieżami ta' din il-miżura fil-futur meta jitqiesu aspetti bħall-armonizzazzjoni tar-regoli tat-traffiku fit-toroq u l-infurzar u nixtiequ nagħmluha ċara li meta miżura proposta jkun fiha kontenut li jikkostitwixxi eżerċizzju ta' kompetenza mill-Unjoni skont it-Titolu V Parti III TFUE, għaldaqstant ser japplika l-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.</td></tr>
</table>

<table>
<tr>
<td>Pożizzjoni (UE) Nru 3/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari b'ħarsa lejn l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief.<br>(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU C 101, 26.3.2015, p. 1-5</td>
<td>5094/15</td>
<td>Maġġoranza kwalifikata</td>
<td>L-Istati Membri kollha favur</td>
</tr>
<tr>
<td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br><br>Il-Kummissjoni tfakkar fl-għanijiet tal-proposta tagħha tal-4 ta' Novembru 2013 li jkunu limitati l-impatti negattivi fuq l-ambjent mill-konsum tal-basktijiet tal-plastik billi jitnaqqas il-konsum u b'hekk jitnaqqas l-iskart ta' dawn il-basktijiet. Il-Kummissjoni, filwaqt li tilqa' l-ftehim dwar il-proposta tagħha, tinnota li t-test aħħari maqbul bejn il-koleġiżlaturi jinkludi ċerti elementi li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u li mhumiex konformi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Dan jista' joħloq problemi għall-applikazzjoni futura tad-Direttiva, għall-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi.<br><br>Il-kwistjonijiet li jqajmu tħassib huma dawn li ġejjin:<br>• l-adozzjoni ta' tikketta għal basktijiet bijodegradabbli u kompostabbli fid-djar mingħajr ma l-impatti tagħha jiġu vvalutati;<br>• il-piż amministrattiv addizzjonali għall-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi, inklużi obbligi ġodda ta' rappurtar u rekwiżiti ta' tikkettar;<br>• dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu indirizzati aħjar fil-kuntest tas-segwitu għall-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-iskart tal-plastik, bħar-rapport dwar l-użu ta' basktijiet tal-plastik "ossodegradabbli";<br>• il-possibbiltà li jiġu varjati l-miżuri meħuda għall-basktijiet tal-plastik skont l-impatt ambjentali tagħhom jew proprjetajiet oħra tista' tkun problematika fir-rigward tal-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-proporzjonalità kif ukoll tas-Suq Uniku;<br>• il-possibbiltà li jiġu stabbiliti għanijiet nazzjonali għall-konsum, fuq livell determinat minn qabel mid-Direttiva, fin-nuqqas ta' data statistika rilevanti għall-Istati Membri kollha;<br>• skadenzi qosra wisq għall-iżvilupp u l-adozzjoni fl-atti ta' implimentazzjoni ta' metodoloġija għar-rappurtar dwar il-konsum ta' basktijiet tal-plastik għall-ġarr ħfief u ta' tikketti għall-basktijiet tal-plastik għall-ġarr bijodegradabbli.</td>
</tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 4/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq is-servizz 112 u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE<br>ĠU C 134, 24.4.2015, p. 1-14 | 5130/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Kontra: UK |
| Direttiva (UE) 2015/412 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 li temenda d-Direttiva 2001/18/KE fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) fit-territorju tagħhom. (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 68, 13.3.2015 | 1/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Astensjonijiet: BE, PT |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Meta tipproċedi bl-awtorizzazzjoni tal-OĠM għall-kultivazzjoni, il-Kummissjoni, b'rispett sħiħ tal-obbligi tagħha, se tqis l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż il-possibbiltà għall-Istati Membri li jillimitaw jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-OĠM fit-territorju tagħhom prevista minn din id-Direttiva.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/384 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Senegal u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu<br>ĠU L 65, 10.3.2015, p. 1-3 | 12812/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 5081/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport marittimu bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 5083/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/356 tat-2 ta' Marzu 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika livelli ta' tassazzjoni ddivrenzjati għall-fjuwils tal-magni f'ċerti żoni ġeografiċi, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE<br>ĠU L 61, 5.3.2015, p. 24-25 | 5805/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/354 tat-2 ta' Marzu 2015 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-Faċilità tal-Investiment stabbilit taħt l-awspiċji tal-Bank Ewropew tal-Investiment<br>ĠU L 61, 5.3.2015, p. 10-16 | 5504/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/438 tat-2 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi, fir-rigward tal-adozzjoni tal-linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim<br>ĠU L 72, 17.3.2015, p. 8-26 | 15902/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 mar-Repubblika tal-Armenja u membri oħra tad-WTO, li huma rilevanti għall-finijiet tas-sottomissjoni lid-WTO magħmula mir-Repubblika tal-Armenja fit-23 ta' Ottubru 2014 | 5801/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/362 tat-2 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Istati Uniti għal eżenzjoni tad-WTO biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-WTO u jippermetti l-espansjoni tal-Att għal Irkupru Ekonomiku tal-Baċir tal-Karibew tal-Istati Uniti (CBERA)<br>ĠU L 62, 6.3.2015, p. 22-23 | 5804/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/355 tat-2 ta' Marzu 2015 li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp<br>ĠU L 61, 5.3.2015, p. 17-23 | 5992/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17-38 | 10178/14 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
**dwar l-użu ta' fondi fiduċjarji tal-UE**

Fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet tematiċi għandhom jinħolqu biss jekk ikunu mdaħħla f'qafas ta' politika koerenti u jekk tintwera l-intenzjoni ta' donaturi oħra li jikkofinanzjaw il-fond fiduċjarju.

Il-ħolqien ta' fondi fiduċjarji tal-Unjoni għal azzjonijiet tematiċi għandu jiġi debitament ġustifikat f'termini ta' valur miżjud tal-Unjoni u addizzjonalità meta mqabbel ma' mezzi oħra eżistenti ta' finanzjament, bħal tipi oħra ta' finanzjament fil-FEŻ, u wkoll fir-rigward tal-eżistenza ta' fondi fiduċjarji komparabbli ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 17-38 | 10176/14 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
**dwar l-Artikolu 7(2) tal-11-il Regolament ta' Implimentazzjoni tal-FEŻ**

Fir-rigward tal-istabbiliment ta' Mekkaniżmu Bbażat fuq il-Prestazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(2), il-Kummissjoni tirrikonoxxi li approċċ ibbażat fuq l-inċentivi jaħdem l-aħjar meta tkun disponibbli massa kritika ta' finanzjament, sabiex jiġu ġġenerati impatt u riżultati sinifikanti, fejn l-allokazzjonijiet jiffurmaw parti minn strateġija usa' tal-impenn tal-UE. Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ għall-iżvilupp ta' tali mekkaniżmu u nediet proċess ta' riflessjoni mal-Istati Membri għal dan il-għan.

Fir-rigward tal-volum, żewġ inizjattivi kbar imwettqa taħt l-Għaxar FEŻ kienu (i) l-Porzjon ta' Inċentiv ta' Governanza (ammont pjanat ta' EUR 2.7 biljun li minnhom EUR 2.3 biljun fl-aħħar mill-aħħar ġew allokati lill-pajjiżi tal-AKP) u l-inizjattiva favur l-aċċellerazzjoni tal-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (EUR 1 biljun).

Barra minn hekk, sabiex tippermetti lieva suffiċjenti taħt il-Mekkaniżmu Bbażata fuq il-Prestazzjoni, il-Kummissjoni ser tiżgura li mill-inqas EUR 2 biljun ser ikunu disponibbli taħt ir-riżervi ta' riżorsi mhux allokati, għall-allokazzjonijiet lil pajjiżi tal-AKP f'konformità mal-kriterji ta' dan il-mekkaniżmu, għall-perijodu 2014-2017.

Riżorsi mhux allokati huma riżorsi li ma jkunux ġew iddestinati għall-allokazzjonijiet lil pajjiżi jew reġjuni jew għal kooperazzjoni bejn l-AKP. F'konformità mal-Ftehim ta' Cotonou u kif kien il-każ taħt l-Għaxar FEŻ, l-allokazzjonijiet lil pajjiżi jew reġjuni jistgħu jiżdiedu mir-riżorsi mhux allokati permezz ta' reviżjonijiet ad hoc. Dawn l-allokazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu riveduti 'l fuq jew 'l isfel fl-okkażjoni tar-reviżjonijiet ta' nofs it-terminu jew dawk ta' tmiem it-terminu. F'każ ta' tnaqqis, l-ammonti rispettivi jkunu integrati fir-riżervi ta' riżorsi mhux allokati.

F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet titħejja b'mod konġunt mis-servizzi rilevanti tal-SEAE u l-Kummissjoni.

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/334 tat-2 ta' Marzu 2015 li temenda l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 75-76 | 16104/14 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/332 tat-2 ta' Marzu 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Ġeorġja<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 70-73 | 5723/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/331 tat-2 ta' Marzu 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 66-69 | 5715/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/335 tat-2 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 77-78 | 17110/14 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/336 tat-2 ta' Marzu 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 79-80 | 5631/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/324 tat-2 ta' Marzu 2015 li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 39-40 | 5633/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/335 tat-2 ta' Marzu 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 77-78 | 5680/15 |

| | |
|---|---|
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/325 tat-2 ta' Marzu 2015 li jimplimenta l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja<br>ĠU L 58, 3.3.2015, p. 41-42 | 5683/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika tas-Suq Uniku | 6197/15 |

**It-3372 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 6/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE. (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU C 134, 24.4.2015, p. 29-51 | 17086/14 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur minbarra:<br>Kontra: EL, CY, MT<br>Astensjoni: PL |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), is-subparagrafu 2(b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt (b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.

**Dikjarazzjoni minn Ċipru**

Ċipru kien esprima b'mod ċar il-preferenza għal sistema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika (MRV) internazzjonali miftiehma b'mod wiesa' taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). F'dan il-kuntest aħna wassalna wkoll il-fehma tagħna li sistema MRV strutturata b'mod xieraq fil-livell tal-UE tista' tkun aċċettabbli. L-appoġġ tagħna kien jiddependi fuq il-punt li l-mekkaniżmu jkun effiċjenti u ma jostakolax il-kompetizzjoni. Sfortunatament, għandna tħassib serju li ċerti dispożizzjonijiet inklużi fit-test tar-Regolament propost, li għandu jiġi adottat, huma problematiċi u l-ispeċifiċitajiet tas-settur marittimu mhumiex ikkunsidrati b'mod xieraq.

B'mod partikolari Ċipru jemmen li d-dispożizzjonijiet inklużi fl-Artikolu 21 tar-Regolament li huma relatati mal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għall-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti ser jirriżultaw f'distorsjoni tal-effetti tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, l-informazzjoni li trid tiġi ppubblikata rigward l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti mhijiex komparabbli b'mod uniformi u għalhekk ser twassal għal konklużjonijiet mhux xierqa u taffettwa s-suq u t-teħid tad-deċiżjonijiet għal regoli ġodda.

Kwistjoni importanti oħra li ser tinħoloq bil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar l-effiċjenza enerġetika ta' bastimenti hija l-iżvelar ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva bħall-konsum tal-karburant mill-vapuri, il-volum ta' merkanzija ttrattata, u d-distanza vvjaġġata.

Għalhekk, Ċipru, mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti l-kunsens tiegħu għall-adozzjoni tar-Regolament.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ellenika u Malta**

1. Ir-Repubblika Ellenika u Malta jikkunsidraw li t-test tal-ftehim finali dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jonqos milli jieħu inkonsiderazzjoni b'mod sħiħ prattiki konkreti tal-industrija globali tat-tbaħħir u, sal-punt, huwa pjuttost dubjuż kemm hu adattat biex jintlaħaq l-għan mixtieq, jiġifieri l-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fi ħdan l-OMI għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tas-CO2 mit-trasport internazzjonali.

2. Aħna nqisu li mhux id-data kollha meħtieġa għal kull vapur li għandu jiġi mmonitorjat u rrappurtat hija rilevanti għall-fini tal-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' CO2 mill-bastimenti, li b'hekk jiżdied il-piż u l-ispejjeż amministrattivi kemm għall-Istati tal-bandiera kif ukoll għas-sidien ta' bastimenti mingħajr l-ebda benefiċċju ċar għall-ambjent marittimu. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Greċja u Malta, mill-bidu tad-deliberazzjonijiet għar-Regolament propost, appoġġaw li l-fokus għandu jkun fuq il-ġbir ta' data mill-konsum tal-karburant tal-bastimenti kombinat mad-distanza vvjaġġata, jiġifieri d-data diġà disponibbli dwar il-bastimenti.

3. Barra minn hekk, ir-Repubblika Ellenika u Malta mhumiex konvinti dwar il-proporzjonalità u l-valur miżjud tal-pubblikazzjoni ta' data kummerċjalment sensittiva, speċjalment dik relatata ma' “xogħol ta' trasport” u “merkanzija li tinġarr”, speċjalment b'kont meħud li l-bastimenti joperaw f'ambjent soġġett għal ħafna varjabbli li mhumiex taħt il-kontroll ta' kwalunkwe parti u jinfluwenzaw il-prestazzjoni tagħhom.

4. Barra minn hekk, aħna għadna nqisu li l-partijiet tekniċi tar-Regolament propost ma ngħatawx il-konsiderazzjoni meħtieġa u żmien biżżejjed biex jiġu elaborati, sabiex ikun jista' jsir l-iżvilupp ta' sistema MRV li tkun tista' tiffunzjona kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet.

5. Fl-istess ħin, ir-Repubblika Ellenika u Malta jiddubitaw il-valur miżjud tas-sistema MRV proposta tal-UE, kif inkluż fit-test tal-qbil finali, li sservi ta' mudell u tippromwovi l-adozzjoni ta' sistema globali, minħabba li d-diskussjonijiet li għaddejjin fi ħdan l-IMO jsegwu approċċ inqas kumpless u faċli li jiġi implimentat approċċ fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistema globali ta' ġbir tad-data għall-konsum tal-karburant tal-bastimenti. Huwa ta' importanza sinifikanti li jiġi żgurat li, hekk kif tiġi stabbilita sistema internazzjonali permezz tal-OMI, dan ir-Regolament jiġi rivedut, sabiex ikun kompletament allinjat mas-sistema globali.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika Ellenika u Malta mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għall-qbil finali dwar ir-Regolament propost.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja**

Il-Finlandja, in-Netherlands u l-Iżvezja huma favur il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO2 tat-trasport marittimu u jappoġġaw l-eżitu milħuq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Is-setturi kollha jeħtieġ li jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra biex l-isforzi jinżammu skont l-għan globali li jiġu limitati ż-żidiet fit-temperaturi globali għal 2$^{O}$C. Fid-dawl tan-natura internazzjonali tat-trasport marittimu, l-aktar metodu effettiv għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fit-trasport marittimu internazzjonali jkun bi ftehim globali fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Għalhekk huwa kruċjali li r-Regolament MRV tal-UE jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-regoli internazzjonali fl-OMI.

Ir-Regolament MRV tal-UE jistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u data rilevanti oħra, filwaqt li jippreserva l-kunfidenzjalità tat-tagħrif kummerċjali u industrijali. Ir-Regolament jista' fost affarijiet oħra jikkontribwixxi għat-tneħħija ta' ostakli tas-suq u jgħin sabiex jiġu stabbiliti miri billi tingħata data affidabbli.

Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal bastimenti li joperaw f'kondizzjonijiet klimatiċi inqas favorevoli, huwa importanti wkoll li t-tagħrif speċifiku relatat mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u navigazzjoni fis-silġ tista' tiżdied mad-data mmonitorjata skont ir-Regolament.

Nixtiequ nenfasizzaw li hemm il-ħtieġa għal aktar ħidma dwar xi elementi tar-regolament. B'mod partikolari se jkun importanti li jiġi elaborat aktar il-kalkolu ta' xogħol ta' trasport u l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti sabiex jippermettu li jsir tqabbil ġust u robust bejn id-diversi tipi ta' bastimenti. Dan se jkun ta' sfida għat-tipi kollha ta' bastimenti, speċjalment għal tipi ta' bastimenti bħal dawk tal-merkanzija ġenerali, Ro-Pax u Ro-Ro. L-ispeċifikazzjoni tal-parametri li għandhom jintużaw fil-kalkolu ta' merkanzija li tinġarr għat-tipi ta' vapuri kollha hu essenzjali, billi jiġu inklużi kemm dawk fil-kategorija ta' atti ta' implimentazzjoni kif ukoll dawk fil-kategorija ta' atti delegati.

Nixtiequ wkoll nissottolinjaw l-importanza li l-Istati Membri tal-UE jkomplu jkollhom rwol kostruttiv fid-diskussjonijiet fl-OMI dwar l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali.

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Polonja<br><br>Il-Polonja tappoġġa l-isforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu iżda hija tal-opinjoni li sforzi bħal dawn għandhom isiru fi ħdan il-forum tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir u l-effetti globali tat-tibdil fil-klima. Għalhekk, kwalunkwe soluzzjoni leġislattiva għandha tkun ta' natura globali pjuttost milli ta' natura reġjonali.<br><br>Il-Polonja hija tal-fehma li l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali hija l-forum l-aktar adatt għat-twaqqif ta' standards legali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu internazzjonali. Id-deċiżjonijiet tal-OMI ma joħolqux ir-riskju li jiġu introdotti miżuri reattivi minn Stati mhux Membri tal-UE bi tweġiba għal dispożizzjonijiet introdotti fuq il-bażi tar-rekwiżiti tal-UE. Il-Polonja tappoġġa b'mod attiv u tippromwovi l-miżuri meħuda fi ħdan il-forum tal-OMI li jimmiraw li jistabbilixxu strumenti globali xierqa.<br><br>Fl-opinjoni tal-Polonja, l-adozzjoni tar-regolament propost fil-forma attwali tiegħu mhux se jiffaċilita n-negozjati u l-isforzi mill-OMI biex jiġu stabbiliti soluzzjonijiet globali ladarba l-abbozz ta' regolament fih elementi li dwarhom mhuwiex probabbli li jintlaħaq kunsens fi ħdan l-OMI fi żmien qasir (pereżempju fuq il-kwistjoni ta' rappurtar ta' informazzjoni kwantitattiva dwar il-merkanzija).<br><br>Il-Polonja ma tistax tappoġġa l-abbozz ta' regolament. Madankollu, peress li matul il-ħidma dwar l-abbozz ġew ikkunsidrati xi aspetti b'tali mod li r-regolament ikun aktar aċċettabbli u joqrob lejn soluzzjonijiet proposti fil-forum tal-OMI, il-Polonja qed tastjeni milli tivvota.</td></tr>
<tr><td>Pożizzjoni (UE) Nru 5/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea. (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)<br>ĠU C 134, 24.4.2015, p. 18-26</td><td>6582/15</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur minbarra<br>Kontra: AT, UK<br>Astensjonijiet: NL, PT</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit, il-Finlandja u l-Litwanja<br><br>B'referenza għall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea, ir-Renju Unit, il-Finlandja u l-Litwanja jikkunsidraw li, filwaqt li l-Artikolu 338(1) TFUE huwa l-bażi legali għar-Regolament 223/2009, huwa ma jikkostitwixxix bażi legali xierqa għall-Artikolu 12(5) tar-regolament propost. Dan l-aħħar Artikolu jipprevedi kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea li tibda u twettaq investigazzjoni fejn il-leġislazzjoni settorjali tipprevedi multi f'każijiet fejn l-Istati Membri jippreżentaw id-data statistika b'mod skorrett. Ir-Renju Unit, il-Finlandja u l-Litwanja jissottolinjaw li l-Artikolu 338 TFUE ma jipprevedix l-impożizzjoni ta' multi jew sanzjonijiet oħra fil-qasam tal-istatistika f'leġislazzjoni settorjali, għalhekk l-Artikolu 12(5) mhuwiex ikkunsidrat bħala bażi legali permissibbli għal leġislazzjoni settorjali futura.</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
